

31987D0277

23.5.1987

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 135/29

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tat-18 ta' Mejju 1987****dwar l-allokazzjoni ta' possibbiltajiet għall-qabda tal-merluzz fir-reġjun ta' Spitsbergen u Bear Island u fid-Diviżjoni 3M kif inhi definita fil-Konvenzjoni tan-NAFO**

(87/277/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 170/83 tal-25 ta' Jannar 1983 li jwaqqaf sistema Komunitarja għall-konservazzjoni u l-maniġġjar tar-riżorsi tas-sajd ⁽¹⁾, kif emendat bl-Att tas-Sħubija ta' Spanja u l-Portugall, u partikolarment l-Artikolu 11 miġjub fih,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-possibbiltajiet għall-qabda tal-merluzz fir-reġjun ta' Spitsbergen u Bear Island (ICES Diviżjoni II b) u Diviżjoni 3M tar-Reġjun Regulatorju kif inhu definit fil-Konvenzjoni tan-NAFO għandhom ikunu allokatu sabiex jiġi assigurat l-immaniġjar raz-zjonali ta' l-ammonti disponibbli għall-Komunità;

Billi, sabiex tgħin lis-sajjeda jorganizzaw is-sajd tagħhom fuq bażi stabbli, regolamenti għall-allokazzjoni ta' dawn il-possibbiltajiet għall-qabda għandhom ikunu addottati skond kif jiżvilupaw il-ħażniet;

Billi l-allokazzjoni tas-sehem tal-ħażniet tal-merluzz disponibbli għall-Komunità fir-reġjun ta' Spitsbergen u Bear Island bl-ebda mod ma' jippreġudika d-drittijiet u obbligazzjonijiet misjuba fit-Trattat ta' Pariġi tal-1920,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu Waħdieni

Billi l-possibbiltajiet għall-qabda tal-merluzz fir-reġjun ta' Spitsbergen u Bear Island (ICES Diviżjoni II b) u Diviżjoni 3M tar-Reġjun Regulatorju kif inhu definit fil-Konvenzjoni tan-NAFO għandhom ikunu allokatu skond it-tabelli ta' l-Anness.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Mejju 1987.

*Għall-Kunsill**Il-President*

P. DE KEERSMAEKER

(1) ĠU L 24, tas-27.1.1983, pġ. 1.

ANNEX

Merluzz ta' Spitzbergen - Bear Island (Diviżjoni ICES II b)

TAC (tunellati)	Sehem tal-Komunità (tunellati)	Ġermanja 0 %	Spanja %	Franza %	il-Portugall 0 %	ir-Renju Unit %	L-Istati Membri l-Oħra	
	L-EWWEL PAGAMENT 21 000 jew inqas	Perċentwali tas-sehem tal-Komunità wara tnaqqis ta' l-ammont fiss allokat għal "Stati Membri oħra"						Ammont fiss 100 tunellata
		15,31	52,15	8,61	11,01	12,92		
	IT-TIENI PAGA- MENT 21 001 - 23 100	Perċentwali tas-sehem tal-Komunità wara t-tnaqqis ta' l-ewwel pagament u l-ammont allokat għal "Stati Membri oħra"						Ammont fiss 250 tunellata
							Perċentwali tas- sehem tal- Komu- nità	
700 001 - 800 000	23 101- 26 400	} 25,67	} 30,11	} 17,37	} 4,50	} 22,35	2	
800 001 - 900 000	26 401 - 29 700						3	
900 001 - 1 000 000	29 701 - 33 000						4	
1 000 001 - jew aktar	33 001 - jew aktar						5	

Merluzz NAFO 3M

	il-Ġermanja %	Spanja %	Franza %	il-Portugall %	ir-Renju Unit %
L-EWWEL PAGAMENT 7 500 tunellata jew anqas	9,33	28,67	4,00	39,33	18,67
IT-TIENI PAGAMENT iktar minn 7 500 tunellati	1,76	37,81	5,38	51,97	3,08